**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 312/2021 RM**

**GASAN MAMO INSURANCE LIMITED**

(C-3143)

**-Vs-**

**ERIC JACQUES THOMAS ARNAUD**

(K.I. Nru. 211480A)

**Illum, 6 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-soċjeta' Gasan Mamo Insurance Limited ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar il-10 ta' Novembru 2021 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut, Eric Jacques Thomas Arnaud iħallasha s-somma komplessiva ta' tmint elef mitejn u tnejn u ħamsin Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€8,252.47) in kwantu għas-somma ta' sitt elef tmien mija u sebgħa u sebgħin Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu [€6,877,47] rappreżentanti danni, spejjeż u imgħax imħallsa mir-rikorrenti għan-nom tiegħek u dana kif kienet obbligata illi tagħmel ai termini tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta u dan in segwitu ta' Deċiżjoni mogħtija miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ datata 1 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet "*Elmo Insurance Limited et vs Eric*

*Jacques Thomas Arnaud [Arbitraġġ Numru M5977/2020/KB]*" u in kwantu għas-somma ta' elf tliet mija u ħamsa u sebgħin Euro [€1,375] rappreżentanti danni, spejjeż u imgħax imħallsa mir-rikorrenti għan-nom tiegħu u dana kif kienet obbligata illi tagħmel ai termini tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta u dan in segwitu ta' Deċiżjoni mogħtija miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ datatat 1 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet "*Mapfre Middlesea p.l.c. et vs Gasan Mamo Insurance Limited et [Arbitraġġ Numru M6030/2020/KB]*" liema deċiżjonijiet kienu jikkonċernaw inċident awtomobilistiku illi seħħ fis-17 ta' Novembru 2019 fi Triq Ġorġ Borġ Olivier, Sliema meta hu, Thomas Arnaud kien qiegħed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCF 349 u li fir-rigward ta' liema vettura is-soċjeta' rikorrenti kienet ħarġet polza ta' assikurazzjoni bin-numru V1636 0444432. It-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-polza tal-assikurazzjoni ma ġewx osservati da parti tiegħu stante illi fid-data tal-inċident hu kien qiegħed fi stat ta' intossikazzjoni u dan bi ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali datata 4 ta' Awwissu 2020, u bl-imgħaxijiet legali mill-preżentata tar-Rikors odjern sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li hu minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat l-atti kollha ;

Rat illi l-konvenut minkejja li ngħata d-debita opportunita', baqa' ma ppreżenta l-ebda risposta għar-Rikors tas-soċjeta' attriċi u lanqas ressaq l-ebda prova minkejja li ngħata opportunita' li jagħmel dan;

Semgħet lill-abbli avukat tas-soċjeta' attriċi tiddikjara li in linea ta' trattazzjoni qiegħda tistrieħ fuq ir-riżultanzi tal-provi u l-atti proċesswali;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta` attrici qiegħda titlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallasha somma determinata ta' flus in linea ta' rimbors tal-ammont li hija ġiet kostretta tħallas biex tissodisfa l-obbligi tagħha taħt il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta bħala assiguratriċi tal-vettura CCF-349 in segwitu għal-*lodo* arbitrali mogħti fil-1 ta' Settembru 2021 fil-proceduri ta' arbitragg fl-ismijiet *Elmo Insurance Limited et v. Eric Jacques Thomas Arnaud* (M5977/2020) u l-*lodo* arbitrali wkoll mogħti fl-1 ta' Settembru 2021 fil-proċeduri ta' arbitraġġ fl-ismijiet *Mapfre Middlesea p.l.c. et v. GasanMamo Insurance Limited et* (M6030/2020), liema deċiżjonijiet jikkonċernaw entrambi l-inċident awtomobilistiku li seħħ fis-17 ta' Novembru 2019 ġewwa Triq Gorg Borg Olivier, Sliema.

Illi l-fatti li joħorġu minn eżami tal-provi u tal-atti proċesswali, huma dawn:-

- Illi s-soċjeta` attriċi ħarġet polza ta' assigurazzjoni bin-numru V1636 0444432 fuq bazi *comprehensive* fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CCF-349[1] liċenzjata f'isem il-konvenut Eric Jacques Thomas Arnaud li huwa wkoll il-*policy holder*, b'perijodu ta' validita` mil-21 ta' Mejju 2019 sal-31 ta' Marzu 2020;

- Illi fis-17 ta' Novembru 2019, ċioe` fil-perijodu li fih il-vettura in kwistjoni kienet koperta bil-polza ta' assigurazzjoni maħruga mis-socjeta` attrici, il-vettura CCF-349 misjuqa mill-konvenut Eric Jacques Thomas Arnaud ħabtet ma' żewġ vetturi - il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBR-815 ta' ċertu Gianfranco Selvaggi u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FTA-150 liċenzjata f'isem Francesca Anastasi Tabone - li kienu pparkeġġjati ġewwa Triq Borg Olivier, Sliema;

[1] Ara Dok. AB1 "Certificate of Motor Insurance".

- Illi fl-4 ta' Awwissu 2020, is-soċjeta' attriċi bagħtet ittra uffiċjali lill-assikurat tagħha l-konvenut Eric Jacques Thomas Arnaud[2], fejn għarrfitu li b'referenza għall-inċident li seħħ fis-17 ta' Novembru 2019, huwa mhux kopert mill-polza ta' assikurazzjoni relattiva stante ksur ta' kundizzjonijiet fl-istess polza fosthom il-fatt illi jirriżulta li huwa kien fi stat ta' sokor fil-ħin tal-inċident. Għarrfitu wkoll li f'każ li tkun obbligata tħallas xi danni lil terzi in konnessjoni mal-istess inċident ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sejra tipproċedi fil-konfront tiegħu għar-rifużjoni sħiħa tal-ammont li jiġi minnha sborsat;

- Is-soċjeta' attriċi invokat is-sezzjoni tal-polza tal-assigurazzjoni intestata "*General Exceptions*"[3] u fir-rigward, Andrea Bondin[4] esebixxa estratt mill-polza li fejn jinsabu elenkati dawk l-istanzi li, jekk javveraw ruħhom, jeskludu kopertura taħt il-polza. Il-klawsola tistipola:

"*Your Policy does not cover the following:-*

...

*2. Any liability, accident, injury, loss or damage while any car insured under this policy is being:*

...

*e. Driven by or is in the charge of any person including you if at the time of driving the driver: is found to be over the limit prescribed by law for alcohol ...*"

- Illi permezz ta' *lodo* arbitrali moghti fl-1 ta' Settembru 2021 fil-proceduri ta' arbitraġġ bin-numru M5977/2020 intavolati mis-soċjeta' Elmo Insurance Limited u minn Gianfranco Selvaggi fil-konfront ta' Eric Jacques Thomas Arnaud, ġie deċiż illi l-konvenut odjern kien unikament responsabbli għall-inċident stradali tas-17 ta' Novembru 2019 u ġie kundannat iħallas lis-soċjeta' Elmo Insurance Limited danni fis-somma ta' €3,902.09, u lil Gianfranco

---

[2] Dok. AB9.
[3] Dok. AB4 – paġna 43 sa paġna 48 tal-polza tal-assigurazzjoni
[4] *Claims adjustor i*mpjegat fil-Motor Claims Department tas-soċjeta' attriċi.

Selvaggi s-somma ta' €1,025.50, bl-imgħax legali mill-11 ta' Ġunju 2020, bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittri uffiċjali ppreżentata kontestwalment mal-proċeduri ta' arbitraġġ fil-konfront tas-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited u b'riżerva għad-drittijiet kollha mogħtija bil-liġi lill-istess-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited kontra Eric Jacques Thomas Arnaud.

- Illi permezz ta' *lodo* arbitrali ieħor ukoll moghti fl-1 ta' Settembru 2021 fil-proceduri ta' arbitraġġ bin-numru M6030/2020 intavolati mis-soċjeta' Mapfre Middlesea p.l.c. u Francesca Anastasi Tabone fil-konfront ta' Eric Jacques Thomas Arnaud u s-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited, ġie deċiż illi l-inċident stradali tas-17 ta' Novembru 2019 seħħ unikament bi ħtija tal-konvenut odjern. Bis-saħħa ta' din l-istess deċiżjoni, il-konvenut Arnaud kif ukoll is-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited ġew ikkundannati jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €547.59, bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-avviz tal-Arbitraġġ u bl-ispejjeż kollha, b'riżerva għad-drittijiet kollha mogħtija bil-liġi lis-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited kontra Eric Jacques Thomas Arnaud.

- Illi in adempjenza tal-obbligi tagħha taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjeta attriċi GasanMamo Insurance Limited ħallset is-somma komplessiva ta' €6,603.98 lis-soċjeta' Elmo Insurance Limited biex tissalda d-debitu naxxenti mil-lodo arbitrali fil-proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru 5977/2020 u ħallset ukoll is-somma ulterjuri ta' €1,278.80 lil Mapfre Middlesea p.l.c biex tissalda d-debitu naxxenti mil-lodo arbitrali fil-proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru 6030/2020.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta` attriċi tibbaża t-talba tagħha għall-ħlas tas-somma reklamata f'din il-kawza, fuq l-asserzjoni li l-assikurat tagħha, il-konvenut Eric Jacques Thomas Arnaud, mexa bi ksur tat-termini u kundizzjonijiet tal-polza li hija ħarġet għall-kopertura assikurattiva tal-vettura CCF-349 għaliex huwa kien, allegatament, qed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol meta kien involut fl-inċident awtomobilistiku mal-vetturi

HBR-815 u FTA-150 fis-17 ta' Novembru 2019 fi Triq Borg Olivier, Sliema. Tikkontendi illi għalkemm, biex twettaq l-obbligi legali tagħha taħt l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta bħala l-assiguratur taħt il-polza, hija kienet kostretta tħallas lit-terzi persuni danneġġjati id-danni sofferti minnhom bħala riżultat tal-imsemmi incident skont kif ġie deċiż mil-*lodo* arbitrali fil-proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru M5977/2020 u fil-*lodo* arbitrali fil-proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru M6030/2020, it-tnejn datati 1 ta' Settembru 2021, hija f'kull każ awtorizzata skont it-termini tal-polza li ma tagħtix kopertura assikurattiva lill-vettura CCF-349 u konsegwentement għandha dritt tesiġi r-rifuzjoni ta' din is-somma minnha mħallas mingħand il-konvenut assikurat tagħha.

Il-konvenut għalkemm ġie notifikat bir-Rikors promotur u bl-avviż tal-appuntament tal-kawża, baqa' ma ppreżenta l-ebda Risposta u lanqas deher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba attriċi.  B'daqshekk naturalment, ma jfissirx li t-teżi tas-soċjeta' attriċi hija ppruvata u t-talba hija mistħoqqa, bħalma n-nuqqas ta' konstestazzjoni formali tal-konvenut tat-talba attriċi ma jitqiesx bħala ammissjoni.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi in tema ta' assikurazzjoni, huwa prinċipju assodat li r-responsabilita` għar-riżarċiment ta' danni mħallsa mill-assiguratur lil terzi in adempjenza tal-obbligi legali taħt il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hijiex relatata mar-responsabbilità għall-event dannuż li ta lok għad-danni iżda tali obbligu jitwieled minn inadempjenza kontrattwali da parti tal-assikurat.  Fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit noe v. John Mifsud et**[5], il-Qorti osservat illi r-responsabbilita` għar-riżarċiment ta' danni mħallsa mill-assikurazzjoni ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-obbligu tar-radd lura ta' ammonti mħallsa mill-assikurazzjoni lil terzi, jitwieldu minn inadempjenza kontrattwali tal-assikurat li jkun intrabat mal-assikuratur li jwettaq l-obbligi naxxenti mill-kondizzjonijiet tal-polza[6].

[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April 2005.
[6] Ara wkoll: **GasanMamo Insurance Limited v. Mario Seguna et** – Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 9.3.2016.

Mill-atti jirriżulta li fil-mori tal-proċeduri ta' Arbitraġġ bin-numru M5977/2020 u dawk bin-numru M6030/2020 dwar l-inċident stradali li seħħ fis-17 ta' Novembru 2019, ġie mressaq bħala xhud Reporting Officer 518 Marius Bugeja[7] li xehed ukoll quddiem il-Qorti[8], fejn spjega illi huwa kien investiga dan l-inċident awtomobilistiku u meta lis-sewwieq tal-vettura CCF-349 ħadlu l-verżjoni tiegħu, innota li kellu riħa qawwija ta' alkoħol. Wara li tah id-drittijiet legali u bil-kunsens tal-istess Eric Jacques Thomas Arnaud, huwa għamillu *breathalyser test* fejn irriżulta li kien pożittiv għal alkoħol għaliex ir-riżultat tal-analiżi tal-kampjun tan-nifs tiegħu kien ta' 80.3*ug* per 100ml[9].

L-Artikolu 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk :-

"*Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.*"

Imbagħad, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15I(1)(a)(i) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), fiż-żmien tal-inċident in kwistjoni fl-2019, jipprovdu li l-proporzjon ta' alkoħol fin-nifs ta' persuna li jsuq vettura bil-mutur ikun iżjed mil-limitu preskritt meta l-proporzjon ta' alkoħol fin-nifs tiegħu jeċċedi 22 mikrogramma ta' alkoħol f'100 millilitru ta' nifs[10]. Issa fil-każ tal-konvenut Eric Jacques Thomas Arnaud, jirriżulta mill-provi miġjuba mis-soċjeta' attriċi li l-proporzjoni tal-alkoħol fin-nifs tiegħu meta tteħdilu t-test fuq il-lok stess tal-kolliżżjoni mal-vetturi HBR-185 u FTA-150, inqas minn siegħa wara l-ħatba, kienet teċċedi abbondantement il-limitu preskritt mil-liġi.

[7] Xehed fis-seduta miżmuma quddiem l-Arbitru fit-18 ta' Mejju 2021.
[8] Seduta tat-23 ta' Mejju 2022.
[9] Dok. A ippreżentat minn Marius Bugeja – 23 ta' Mejju 2022.
[10] Dan il-limitu ġie introdott permezz tal-Att XIV tal-2017.

Il-konvenut baqa' ma ressaq l-ebda prova quddiem din il-Qorti biex jikkontesta dak li jirriżulta mill-atti tal-proċeduri tal-arbitraġġ u biex jirribatti l-prova li effettivament, meta seħħet il-ħabta mal-vetturi HBR-815 u FTA-150 fis-17 ta' Novembru 2019, huwa kien qed isuq il-vettura CCF-349 bi proporzjoni ta' alkoħol fin-nifs tiegħu ta' 80.3*ug*/100ml li, kif rajna, teċċedi l-limitu preskritt mil-liġi.

Magħdud dan kollu, inkluż il-fatt illi l-konvenut baqa' ma ressaqx provi kuntrarji, il-Qorti tqis illi fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet is-soċjeta' attriċi ressqet prova sodisfaċjenti li meta seħħet il-ħabta mal-vetturi HBR-815 u FTA-150 fis-17 ta' Novembru 2019, il-konvenut kien qiegħed isuq il-vettura CCF-349 meta kellu fin-nifs tiegħu proporzjoni ta' alkoħol li teċċedi l-limitu preskritt mil-liġi dak iż-żmien. Stabbilit dan, għall-Qorti il-korollarju ta' dan huwa *res ipsa loquitur* li l-konvenut kien, f'dak il-waqt, qed isuq il-vettura tiegħu meta kien taħt l-influwenza tax-xorb.

Abbazi ta' din il-prova, is-soċjeta` attriċi tikkontendi illi l-assikurat tagħha mexa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza. Il-Qorti taqbel. Mid-dokument li skont is-soċjeta' attriċi jifforma parti mill-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni in diżamina[11], jirriżulta li l-patt konvenzjonali konkluż bejn is-soċjeta' attriċi u l-assikurat tagħha, li abbazi tiegħu nħarġet l-istess polza tal-assigurazzjoni, jesiġi li biex is-soċjeta' attriċi tkun obbligata tħallas taħt il-polza għal xi telf, ħsara u danni li tiġi kkaġunata mill-vettura minnha assigurata, il-persuna li tkun qed issuq il-vettura ma tkunx taħt l-influwenza *inter alia*, tal-alkoħol. Dan ma ġiex kontestat mill-konvenut li ma ressaq l-ebda prova biex juri li kuntrarjament għal dak li xehed ir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi, is-sezzjoni "*General Exceptions*" jew il-kundizzjoni partikolari invokata mis-soċjeta' attriċi bħala l-bażi tat-talba tagħha f'din il-kawża, ma jifformawx parti mill-polza tal-assigurazzjoni jew m'humiex altrimenti applikabbli fil-każ tiegħu.

Inoltre, kif ġie appena stabbilit, mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien jinsab effettivament taħt l-influwenza tal-alkoħol meta li kien involut fil-kolliżjoni mal-vettura FTA-150 u HBR-815 fis-17 ta' Novembru 2019 f'Tas-Sliema u waqt li kienet

[11] Ara Dok. AB4, *ibid*.

fis-seħħ il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' attriċi. Konformement, huwa riskontrabbli l-istat ta' fatt maħsub fil-paragrafu 2(e) tas-sezzjoni tal-polza intestata "*General Exceptions*", liema stat ta' fatt jagħti l-jedd lis-soċjeta` attriċi tagħżel li tirrifjuta tagħti kopertura u tindenniza lill-assikurat tagħha taħt l-istess polza għad-danni kkaġonati lit-terz fl-imsemmi inċident awtomobilistiku.

Il-Qorti tqis illi filwaqt li bħala l-assiguratur ikkonċernat għall-fini tal-Kap. 104, is-soċjeta` attriċi ma setghetx legalment tevita l-obbligu tagħha tal-ħlas *vis-à-vis* it-terz danneġġjat in segwitu għaż-żewġ deċiżjonijiet arbitrali tal-1 ta' Settembru 2021, hija ġustifikata taġixxi b'rivalsa kontra l-assigurat tagħha l-konvenut Eric Jacques Thomas Arnaud għar-rifuzjoni tal-ammonti li ġiet kostretta tħallas taħt il-polza in linea ta' danni sofferti minn terzi bħala rizultat tal-incident awtomobilistiku in diżamina, u dan stante illi jirriżulta illi effettivament, huwa aġixxa bi ksur tal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-ħruġ tal-istess polza meta saq il-vettura CCF-349 meta kien taħt l-influwenza tax-xorb alkoħoliku.

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-atti tal-proceduri tal-arbitragg bin-numru M5977/2020[12], jirrizulta illi l-konvenut ġie kkundannat iħallas lil Elmo Insurance Limited u lil Gianfranco Selvaggi, is-somma totali u komplessiva ta' €4,927.59, pju' imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Ġunju 2020 u l-ispejjeż mitluba. Sussegwentement, is-soċjeta` attriċi ħallset lil Elmo Insurance Limited is-somma ta' €6,603.98[13], ammont rappreżentanti sorte, imgħax u spejjeż u drittijiet, inkluz taxxa fuq il-valur miżjud fuq drittijiet, kif aġġudikat fil-*lodo* arbitrali relattiv tal-1 ta' Settembru 2021 (iżda eskluż drittijiet legali fuq interpellazzjoni informali li ma ġiex uffiċjalment intaxxata[14]).

Fir-Rikors promotur is-soċjeta' attriċi qiegħda tirreklama r-rimbors tas-somma totali ta' €6,877.47. Id-differenza fis-somma ta' €273.49 tirrappreżenta, kif spjega Andrea

---

[12] Dok. AB11.
[13] Vide korrispondenza Dok. AB15 u Dok. AB15A.
[14] Fis-somma ta' €29.50.

Bondin fl-Affidavit tiegħu, id-dritt tal-Avukati tagħha fil-proċeduri tal-Arbitraġġ bin-numru M5977/2020. Il-Qorti rat il-*lodo* arbitrali li fih riproduzzjoni tal-verbali tas-seduti quddiem l-Arbitru u rat ukoll it-taxxa uffiċjali tal-ispejjeż u drittijiet konnessi ma' dan l-Arbitraġġ[15] u tosserva illi s-soċjeta' attriċi odjerna ma kienetx imħarrka bħala intimata f'dan l-Arbitraġġ u lanqas intervjeniet fil-proċeduri *in statu et terminis*. Ma jirriżultax lanqas illi l-avukati li dehru għas-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited kienu qegħdin jippatroċinaw ukoll lill-konvenut Eric Jacques Thomas Arnaud għaliex quddiem l-Arbitru huma dejjem dehru biss "*għas-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited*" u mhux ukoll għall-intimat. Fil-fatt, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2011 l-intimat Eric Jacques Thomas Arnaud ġie deskritt mill-avukat ta' GasanMamo Insurance Limited bħala "*l-assigurat tal-klijent tagħha*". Għaldaqstant, id-dritt dovut fil-kolonna intestata "Intimat" fit-taxxa tal-ispejjeż (Dok. AB18) tal-proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru 5977/2020, m'huwiex dovut lis-soċjeta' attriċi, li ma kienetx l-intimata f'dawk il-proċeduri, jew lill-avukati tagħha iżda lill-avukat tal-intimat, il-konvenut odjern. Konsegwentement, is-somma ta' €273.49 mhux dovut lis-soċjeta' attriċi u hija ma tistax għalhekk tirreklama l-ħlas tagħha mingħand il-konvenut.

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-atti tal-proceduri tal-arbitragg bin-numru M6030/2020[16], jirrizulta illi l-konvenut ġie kkundannat iħallas lil Mapfre Middlesea p.l.c. u lill-assikurat tagħha komplessivament is-somma totali ta' €547.59, pju' imgħax mid-data tan-notifika tal-Avviż tal-Arbitraġġ u l-ispejjeż ġudizzjarji. Sussegwentement, is-soċjeta` attriċi ħallset lil Mapfre Middlesea p.l.c. is-somma ta' €1,278.80[17], ammont rappreżentanti sorte, imgħax (€42.36[18]) u spejjeż u drittijiet (€672.12[19]), inkluz taxxa fuq il-valur mizjud fuq drittijiet (€14.68[20]), ilkoll kif aġġudikat fil-*lodo* arbitrali tal-1 ta' Settembru 2021.

---

[15] Dok. AB18.
[16] Dok. AB13.
[17] Vide korrispondenza Dok. AB16 u Dok. AB16A.
[18] Sena imgħax – jirriżulta mil-lodo arbitrali li l-Avviż tal-Arbitraġġ ġie ppreżentat fit-22 ta' Settembru 2020.
[19] Ara taxxa tal-ispejjeż Dok. AB19.
[20] Fuq dritt tal-avukat €81.53.

Fir-Rikors promotur is-soċjeta' attriċi qiegħda tirreklama r-rimbors tas-somma totali ta' €1,375. Id-differenza fis-somma ta' €96.20 tirrappreżenta, kif spjega Andrea Bondin fl-Affidavit tiegħu, fid-dritt tal-avukati tagħha fil-proċeduri tal-Arbitraġġ bin-numru M6030/2020. Il-Qorti rat il-*lodo* arbitrali u tosserva illi f'dawn il-proċeduri, diversament għall-proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru M5977/2020, is-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited kienet imħarrka bħala intimata flimkien mal-assigurat tagħha l-konvenut odjern. Għalkemm il-*lodo* arbitrali kkundannat lil GasanMamo Insurance Limited tħallas ukoll hija stess, l-ispejjez u drittijiet tat-terzi danneġġjati, rikorrenti f'dawk il-proċeduri, huwa ovvju li d-drittijiet tal-avukati tagħha stess ma jiffigurawx fost dawn l-ispejjeż u drittijiet.

Kif rajna, GasanMamo Insurance Limited ġiet imħarrka direttament bħala l-assiguratur ikkonċernat fil-proċeduri ta' arbitraġġ M6030/2020 u ingaġġat avukat biex jiddefendi l-interessi tagħha proprju bħala intimata f'dawk il-proċeduri. Il-fatt li l-konvenut odjern, assikurat tas-soċjeta' attriċi, seta' kiser il-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni u l-fatt li hija setgħet teħles mill-obbligu tagħha taħt il-polza biex tindennizzah għad-danni kkaġunati lil terzi b'riżultat tal-inċident tas-17 ta' Novembru 2019, huma *res inter alios acta* għat-terz danneġġjat u ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-presenza tagħha f'dawk il-proċeduri ta' arbitraġġ. Għaldaqstant, il-Qorti ma taqbilx li l-ksur tal-polza da parti tal-konvenut inissel xi obbligu li jirrimborsa lill-assiguratur tiegħu ta' xi spejjeż jew drittijiet inkorsi mill-istess assiguratur bħala persuna imħarrka leġittimament abbażi tal-jedd dirett għal azzjoni taħt l-Artikolu 9A tal-Kap. 104. Billi s-soċjeta' attriċi naqset ukoll milli turi li t-talba tagħha għar-rimbors ta' dawn id-drittijiet hija fondata fuq xi jedd ieħor jew xi kundizzjoni *ad hoc* tal-polza tal-assikurazzjoni in diżamina, il-Qorti m'hijiex sejra tikkundanna lill-konvenut għar-rimbors tad-dritt tal-avukat tas-soċjeta' attriċi fil-proċeduri tal-Arbitraġġ bin-Numru M6030/2020.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi dan kollu magħdud ifisser li s-soċjeta' attriċi għandha dritt tiġbor mingħand il-konvenut, minħabba l-applikazzjoni tal-klawsola 2(e) tas-sezzjoni intestata *General Exceptions* applikabbli għall-polza tal-assikurazzjoni maħruġa lill-istess konvenut, is-somma totali ta' sebat elef tmien mija u tnejn u tmenin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€7,882.78). Iżda permezz ta' nota ppreżentata fit-23 ta' Mejju 2022, is-soċjeta' attriċi riduċiet is-sorte minnha reklamat fir-Rikors promotur minn €8,252.47 għal €7,252.47 u dan għaliex, skont kif jirriżulta mix-xhieda ta' Andrea Bondin, il-konvenut ħallasha s-somma ta' elf Euro. Dan ifisser illi mis-somma likwidata bħala dovuta lis-soċjeta' attriċi, għandu jitnaqqas l-ammont ta' elf Euro bil-konsegwenza illi s-somma komplessiva li għandha dritt tesiġi mingħand il-konvenut in linea ta' rifużjoni, hija ta' sitt elef tmien mija u tnejn u tmenin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€6,882.78).

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li tilqa' parzjalment it-talba attriċi u tikkundanna lil ERIC JACQUES THOMAS ARNAUD iħallas lis-soċjeta' GASANMAMO INSURANCE LIMITED is-somma komplessiva ta' sitt elef tmien mija u tnejn u tmenin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€6,882.78) għar-ragunijiet imfissrin fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-preżentata tar-Rikors promotur, 10 ta' Novembru 2021 u bl-ispejjez kif mitluba fl-istess Rikors.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**